133

# FJASK MILL-IKBAR

SKETCH TA' CARMELO GALEA S.D.B.

IT-TAJPIAT MINN PAUL DEBONO FIL-29 TA' JANNAR 1959

SALESIAN THEATRE

– SLIEMA –

SCRIPT No. 309

@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@

@ FJASK MILL-KBAR @

@@@@@@ @@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@

@ SKETCH TA' CARMELO GALEA S.D.B.@

@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@

PERSONAĠĠI

ALDO missier .......................... 30 Sena

BENNY .......................... 5 Snin

Enis omm Benny .......................... 28 Sena

TABIB

o - o - o - o - o - o - o

XENA

Salott immobiljat b'modes mill aħjar, Telephone, bieb fin-nofs, bieb fil-lemin u t tieqa fix-xellug.li tgħati għal baħar f'Malta.

XENA 1.

Enis wħeda

Enes (Tinsab ma gemb ir-Rediffusion qeda thit u tisma t-trazmissjoni tar-Rediffusion li jibda b-bicca musika imbgħadt jissokta bl-aħbarijiet jew reklam).

Leħen "Il-Kumitat tac-centru Parigin jgħarraf illi l-mara tal-lum reġigħet għal moda tas-settecento, libsa gala tal Ballu tkaxkar ma l-art, zarbun.bit-tkaken għoljin, bokkli ndurati, ix-xar ingirlandat bil-fjuri, imsielet kbar, dufrejn qosra u kmiem twal minn għir skullar..."

Enes (Għal din l-aħbar tqum f'daqqa) Ix-xjafek x'għamilt! u jien għamilt il-kmiem imqactin ! Issa fatta la zorba. Imma ngħid lir-raġel jixtrili bicca drapp oħra. Mela x'inhu u mankunx liebsa fuq il-moda Parigina. Halli għalihom in-nies .... Arahom kullħadd iħares lejja ... jibdew jgħidu minn taht l-ilsien. "Harsu ftit il-mara tal-Ministru ma timxix mal-moda" u jien noqod għal kritiki bħal din ? ... Le nixtri bicca drapp oħra. (Issejjaħ) Benny ! Benny !!

XENA 2

Benny u Enes

Benny (Minn gewwa) Għawn mama.

Enes Isma ftit.

Benny JIDHOL iqabbes ballun) Mama.

Enes X'kont qed tgħamel ?

Benny Kont qed nilgħab fil-gnien. (Jitħaq kemm jiflaħ) Oħ, Oħ, Oħ, Oħ,!

Enes Biex qed titħaq ?

Benny Għaliex mamma kien hemm il Fufu u l-qattus l-iswed u irbattilhom dembhom ma xulxin (Jitħaq)

Enes Irbat demb il-qattus ma demb il-kelb ?

Benny Iva mama. (Jitħaq) imbgħadt bdew jigru, qalbu ħafna qsari, umbadt telgħu fil-kcina, il-koka tfixklet, ħabtet mal-mejda u kissret ħafna platti, jien niġri wara il-kelb u l-qattus sakemm wegghu il-baħar, (Jitħaq kemm jiflaħ).

Enes Iva eh ?! Ja bnikkun !! u titħaq minn fuq ?! ......

Benny (Immur iħares mit-tieqa) Ejja ara Mama il-kelb u l-qattus jgħummu fil-baħar. (Jitħaq dejjem)

Enes Itħaq iva, ħalli ngħalmek jiena taħqar l-animali. (Taqbat il-bastun tal-Papa ta Benny u tmur tiġri wrajh biex issawtu. Benny jibda jdurila mal mejda u meta jgħamlu xi tliet dawriet hekk, jitħol Aldo u jaqla huwa l-iżbaħ daqqa ta bastun fuq dahrhu. Benny jgħrog mix-xena)

XENA 3

Aldo u ta qabel minn barra Benny

Aldo (Jitħol immis dahrhu) Għawn x'gara ?! Dan kien jonqos.

Aldo WARA seduta ta tliet sighat fil-Parlament niġi d-dar u naqla daqqa ta bastun fuq daħri minn għand is-sabieħa mara tiegħi.

Enes Skusani Aldo. Ridt nghati lezjoni lil dak l-imqareb ta Benny u bi żball ilqatt lilek.

Aldo Jaqawn għamel xi waħda minn tiegħu ?

Enes Għamel inghid, qaleb id-dar ta taħt fuq. Imma issa ara ħallina minn dan .... Aldo ta qalbi kemm jiddispjacini ta dik id-daqqa ta bastun. Halli impattijilek. (Tbusu fuq għidu) Kuntent issa taħfirli ?

Aldo Umbadt int ma ksirtli ebda kustilja. Fejn mar Benny?

Enes Beza minni u min jaf fejn mar jimħeba. Aldo x'iddeccidejtu fill-Parlament ?

Aldo Haġia segrieta li għalissa ma nistax ngħidomlok.

Enes Jien ukoll għandi ħaġa sigrieta izda jien nista ngħidielek imma...

Aldo Halli naraw x'inhu gej.

Enes Xejn Aldo, Haġa zgħira ħafna ...

Aldo Impustura ... qeda ... diġa qed nifem ... meta tiġini b-dawn il-ħafna tlaqlieq għid illi sejratnaqqasli l-finanzi. Għadni kemm infaqtlek £21 għal libsa tal-ballu.

Enes Precizament, il libsa tal-ballu ... Għadni kemm smajt l-aħbarijiet fuq ir-Rediffiusion fejn qal illi Pariġin bidlet il-moda tal-libsa tal-ballu il-kmiem minn flok imqactin iridu jkunu twal.

Aldo U INT x'għamilt ?

Enes Jiena jaħassra li ma kontx naf qtajthom qosra.

Aldo U issa ?

Enes Issa ... (Kwazi tibda tibki)

Aldo Iva b-daqsekk ma waqgħac id-dinja.

Enes Aldo tiegħi ! Kemm għandek qalbek tajba. Jiena nixtieq li nider bħal ħattieħor fis-societa ... marric illi jgħidu: "Ara il-mara tal-Ministru ...." Fimtni Aldo ? Jien għalik stess, għal unur tiegħek ...

Aldo Oh ! Inthom in-nisa ... aħna rġiel libsa sservina mitt sena, izda intkom tridu tilbsu listess bħar-Reġina ...

Enes Imma int x'jidirlek mara ta Ministru ?

Aldo Ministru li jista ikollu xi ~~[illegible]~~ *eluf x: jonbog...*.

Enes U issa fejn *infaqna* £50 *nonfqu* £10 oħra.

Aldo Insomma xi triq ?

Enes (Dejjem impustura) Bicca drapp oħra biex ngħmel il ġlekk bill-kmiem twal.

Aldo Taf x'hemm tajjeb illi int tinqala ġmilek għal ħjata, niffrankaw il fattura.

Enes Hekku Aldo ! Inti Anġlu tas-sema ! Mela żewġ jardi ħarir fijn bħal dan tad-dublett (Ferħana) Issa nissokta nħit u għada mmorru il-belt flienkien (Tmur tfittex il-ħolqa u mas-sibiex) Il- ħolqa fejnha?

Aldo X'ħolqa ?

Enes Il-ħolqa li kelli nħit biha ftit ilu. (Tfittex)

Aldo Kif jekk ftit iliu kienet għandek ma tafx x'għamilt biha ?

Enes Dak it-tifel ħadli rasi (Tfittex,kullunkien, fuq il-mejda, qalb il karti,, fl'art, taħt il-mejda)

Aldo Iva ħolqa mix xi labra tal-ħjata. (Ifittex huwa ukoll. It-tnejn okkupati ifidxu l-ħolqa)

Enes Imma kif, għada kemm kienet f'idejja, minn għir Holqa ma nista ngħamel xejn. (Ifitxu dejjem) *Marridx innigges idejja u immur il ballu b-libsa marbut.*

## X E N A 4

Benny u ta qabel

Benny (Jitħol jibki Kemm jiflaħ u jati b-saqajnħ fl-art)

Aldo Dan x'ifisser issa ?! (Imur fuq Benny) Għamilt xi oħra minn tiegħek?

Benny (Jibki dejjem, u jmur l-awn u l-hemm u jmis grizmejħ)

Enes X'waħda din ! Qeda nifem ! Il-ħolqa belagħha Benny !(Tmur fuq Benny) BEnny) ! Xi ġralek ?! Blajt il-ħolqa ?! Għid il-veru ma nsawtekx

Benny (Ma jgħamilx ħlief jibki u imis grizmejħ donnu qed jifga allura jibda jigħol)

[Ene]s Aldo ! Benny belagħa l-ħolqa tiegħi ! X'sejrin ngħamlu ?!

[Al]do (Jmur jaqbad iħabbad fuq dahar Benny. Benny jisol dejjem) Għid it-tabib sensaltru ma ġembna, ħalli incempillu. (Imur jaqbad it-telephone) Three two six please ... It-tabib ? Oh ! tabib, jien il-Ministru Aldo, ta ma ġembek, tista tiġi ftit, it-tifel bela ħolqa u jinsab fi stat gravi ! Tajjeb ma hemmx bżon iccempel il bieb, ibqa dieħel dritt. (Iħalli r-riceVitur u jarġa jmur ma ġemb Benny) Benny tkellem, xi ġralek, (Benny ma jistax jitkellem) Mur ġib tazza ilma (Lil Enes).

[E]nes (Tmur u terġa titħol b'tazza ilma malajr)

[A]ldo (Jieħu f'idu it-tazza bl'ilma u jisqieħ lil Benny. Beny jixrob ftit u bis-sola jixħet l-ilma kollhu f'wicc Aldo. Aldo joħroġ il-maktur u jimsaħ wiccu)

## X E N A 5

Tabib u ta qabel koll[h]a

Tabib (Jitħol bil-valiġġetta f'idhu) Buona sera onerevole.

Aldo Buona sera dott.

Enes Buona sera tabib (Sadattant Aldo poġġia lil-Benny fuq pultruna u Benny ma jatix aktar sinjal ta ħajja)

Tabib X'inqalagħalkhom ?

Aldo Il-mara tiegħi kienet qeda tħit bħas-soltu, poġġiet il-ħolqa fuq il-mejda u ma sibnijiex; kif wieħed jista jaħseb il-Ħolqa ħada t-tiefel poġġiha f'ħalqu u belagħha.

Tabib Inthom sġuri ?

Enes Sgur, sgur, daqs kemm huwa mqareb għax kieku din il-ħolqa konna nsibuha ....

Tabib Ħalli naraw: (Imur fuq Benny jezemenaħ, jiftaħlu ħalqu u jdaħħal sibgħu ġo ħalqu. Benny jiġdimlu sibgħou) Ajma ! Ajma ! Kospitina! Għandu snienhu jaqtgħu daqs sikkina!

Aldo Ġidmek dott ? (joħroġ maktur u jorbotlhu sibgħu)

Tabib U x'ġidma ! (Iferfer subgħu) Ħalli naraw. (Immislu ġrizmejħ) Il-ħolqa jista jgħati l-kas li tinsab fuq il-ġewza. Għax ħalli ngħidilkom, bejn il-ġewża u l-qampiena tinsab bħal korda li timpedixxi l-passaġġ u għalekk il-ħolqa waqfet hemm. U billi telgħolu d-demm għal ġriżmejħ jista jgħati l-kas illi taqbdu emorregija allura ... allura.... nibżogħ !....

Aldo Ma hemm l-ebda remedju dott ? Toħsob illi jmut ?!

Tabib Remedju hemm. Nippruvaw inniżlulu rasu l-isfel.

Aldo Din ħaġa zgħira. (Aldo u Enes jaqbdu lil Benny u jdendluħ rashu l-isfel. Benny jibda iferfer idejnħ u minn ħalqu toħroġ bużżieqa u dejjem tintefaħ)

Tabib Oqodu, oqodu. Waqfuħ bilwieqfa. (Aldo u Enes iwaqqfu lil Benny bill wieqfa, Benny jissokta jonfoħ il bużżieqa sakemm tinfaqa f'wicc kullħadd. Benny jinfex f'daħqa kbira l'oħrajn jibqgħu iħarsu lejn xulxin skantati) Sinjuri, bħalma taraw, it-tifel ma kienx belgħa ħolqa, izda kien belgħa bużżieqa.

[Be]nny Iva, jien blajt bużżieqa u mux ħolqa u issa għaddieli kollox (Jitħaq kemm jiflaħ u jogħlos u jisfen.)

Enes Mela din l'imbierka ta' holqa fejn tinsab ?

Benny Għawn ara fejna mama, tinsab f'idek stess !!!

Enes (Thares lejn idejjha u issib il-holqa f'sibghajha tan-nofs)
Prosit ! U jien kont sejra nittlef rasi.

Aldo Fjask mill-ikbar !!

Tabib Aktar fjask tieghi, ghaliex minn flok holqa sibt bużżieqa
(Dahqa ġenerali tinghalaq malajr il-purtiera).

@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@
@ TMIEM TA' LI SKETCH @
@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@

//////////////////////////////////////////////////////
+++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++
+ @@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@ +
+ @ F J A S K M I L L - I Ġ B A R @ +
+ @@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@ +
+++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++
//////////////////////////////////////////////////////

@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@
@ ID-DRITIJIET TA DAN LI SKETCH IMMOARU @
@@@@@@@@@@@ KOLLHA GHAL @@@@@@@@@@@
@CARMELO GALEA S.D.B.@
@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@

N.B. qabel ma tghalaq il purtiera tistagħ tindaqq biċċa musika, it-tabib jibda jisfen mal wara tiegħu, it-tabib jagħad lejju u jibdà jisfen miegħu qisu qed jisfen mal wara u Benny imur wara it-tabib jagħbadlhu il ponot tal frokk jgħolli-komlu l-fuq jiktiflu il palettos u jibda jisfen miegħu: wara ftit tieqaf il musika u tgħalaq. Kelsa kelu il Purtiera.